# Tibdil u Taqlib

*Omnia sunt in perpetuo fluxu ac mutatione.*
HERACLITUS

Malli nsiru bnedmin, kull wieħed minna
jikseb ġisem u ruħ mgħaqqdin flimkien:
jaqsam bihom imbagħ'd il-mewġ tal-Wisa';
jaqsam bihom imbagħ'd il-mewġ taż-Żmien.

'Ma kif bil-ħajja darba waħda jkunu
ingħaqdu u saru ħaġa waħda t-tnejn,
jerġgħu jinfirdu u minn xulxin jingħażlu
bil-mewt darb'oħra, mgħobbijin bid-dejn.

Trab kien il-ġisem u fi trab l-imsejken
ta' ġisem jerġa' jmur; mhux hekk ir-ruħ:
ruħna mal-bidu ma tafx tmiem; u l-ġisem
nerġgħu, fil-Jum tal-Ħaqq, magħha nsibuh.

Ir-ruħ tal-bniedem issir darba u tibqa':
u xejn ma tqisu ż-żmien, għax ma tintemmx:
wara li tħalli din id-dinja, għaliha
dinja oħra tixref illi bħalha m'hemmx.

Darbtejn jitwieled, u jmutilna darba
il-ġisem dgħajjef li ninsatru bih:
l-ewwel twelid il-mewt mal-ħajja jġiblu; —
it-tieni l-qawma minn l-imwiet jagħtih.

* * *

X'seħer tal-għaġeb il-ħolqien għalina,
meta nkunu tfal żgħar bla deh'n u ħsieb!
Kollox naraw sabiħ! Kollox jogħġobna!
Kollox jisraqna u ma' qlubna jinġieb!

'K naraw il-kwiekeb, f'xi lejla sajfija
nitilgħu b'qasba fuq il-bejt malajr:
nixxabbtu u ngħollu kemm nifilħu jdejna...
u biex nilħquhom nixtiquna tajr.

'K nisimgħu għanja qalb il-friegħi, nersqu
bil-melħ f'qiegħ idna lej l-għasfur bil-môd...
'K naraw il-friefet, nistħajluna friefet:
u b'moħħna ntiru f'artijiet il-bogħ'd.

U fl-aħħar nikbru: nagħarfu x'konna u x'aħna:
nifmhu li l-bniedem ma jibqâx li jkun;
fil-ħolm nintilfu ta' żgħuritna nerġgħu
inħossu fina dak il-ħolm midfun.

* * *

Jiena nbierek din l-art; inbierek dejjem
is-sider minn fejn ġbidt l-ogħna ħalib:
għaraft minn ħajti li kullm'hawn fid-dinja
jissokta u jibqa' tibdil u taqlib!

KARMENU VASSALLO